## Il-Ħadd, 22 ta' Marzu 2020

Ġesù sab lill-agħma
li kien għadu kemm fejjaq,
u qallu:
"Temmen inti f'Bin il-bniedem?"
Dak wieġeb u qallu:
"Min hu, Mulej, biex nemmen fih?"
Qallu Ġesù: "Mhux biss rajtu,
imma huwa dak stess
li qiegħed ikellmek."
Qallu: "Nemmen, Mulej!"
U nxteħet għarkubbtejh
quddiemu.
Imbagħad Ġesù qal:
"Jien ġejt fid-dinja
biex nagħmel ħaqq,
biex min ma jarax isir jara,
u min jara jagħma."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 9, versi 35-39***

# 26

"Aħna wkoll ġejna mdawlin
minn Kristu fil-Magħmudija;
u għalhekk aħna msejħin
biex inġibu ruħna
bħala ulied id-dawl.
U li nġibu ruħna b'dan il-mod
jitlob minna
bidla radikali fil-mentalità,
ħila li niġġudikaw
lill-bnedmin u l-affarijiet
skont skala ta' valuri differenti,
li tiġi minn Alla.
Is-Sagrament tal-Magħmudija
fil-fatt jitlob minna għażla
li ngħixu bħala ulied id-dawl
u li nimxu fid-dawl."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 26 Marzu 2017

# Dwal

*Kif inħares lejn*
*dak li jiġri*
*f'ħajti*
*u fil-ħajja*
*tal-oħrajn?*

*Xi ftuħ għandi*
*għad-dawl*
*ta' Kristu?*

Mulej,
x'ġenn għandek biex tagħtini d-dawl tiegħek!
X'inhu li ma jħallikx bi kwietek
qabel ma tarani nħaddan dan id-dawl
u ngħix skont dan l-istess dawl?
Ma jistax ikun, Mulej,
li ma jkollokx ħsiebek fija,
għax Inti ma taħmilx tarani nieqaf
fil-qoxra tal-affarijiet,
kemm dawk li għandhom x'jaqsmu miegħi
u kemm dawk li għandhom x'jaqsmu mal-oħrajn;
Inti ma taħmilx tarani naġixxi skont din il-qoxra,
għax inkun qed intellef lili nnifsi
mill-essenzjal għalija u għall-oħrajn.
Agħtini dan id-dawl veru tiegħek.
Bih altru li nara aħjar!

## It-Tnejn, 23 ta' Marzu 2020

F'Kafarnahum
kien hemm uffiċjal tas-sultan
u kellu lil ibnu marid.
Meta sama' li mil-Lhudija
Ġesù kien ġie fil-Galilija,
mar għandu
jitolbu jinżel u jfejjaqlu lil ibnu,
għax kien wasal fl-aħħar.
U Ġesù qallu:
"Jekk ma tarawx
sinjali u għeġubijiet
ma temmnux!"
Qallu l-uffiċjal: "Inżel Mulej,
qabel ma jmutli t-tifel."
Qallu Ġesù: "Mur, ibnek ħaj."
Ir-raġel emmen il-kelma
li qallu Ġesù u telaq.

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 4, versi 46b-50***

# 27

"Dak ir-raġel emmen il-kelma ta' Ġesù u telaq. Emmen, emmen li Ġesù kellu s-setgħa li jibdel lil ibnu, is-saħħa fiżika ta' ibnu. U rebaħ. Il-fidi tfisser li nagħtu wisa' lil din l-imħabba t'Alla u nagħtu wisa' lill-qawwa, lill-poter ta' Alla u mhux lill-poter ta' xi ħadd li għandu ħafna setgħa minn dik li taf tagħti d-dinja, imma lill-poter ta' dak li jħobbni, li għandu passjoni għalija, u jrid jaqsam il-ferħ tiegħu miegħi. Din hi l-fidi. Dan ifisser li temmen: li tagħti wisa' lill-Mulej biex jiġi u jibdlek."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 16 Marzu 2015

*Kif inħares*
*lejn il-poter*
*li Alla għandu*
*fuqi?*

*InħalliH iġib fija*
*l-bidliet*
*meħtieġa?*

# Il-poter ta' min iħobb

Int Alla qawwi, Mulej,
qawwi f'imħabbtek għalija:
aħkimni u għajjixni b'din imħabbtek.
Int Alla qawwi,
qawwi fil-ġenn li għandek għalija:
aħkimni u għajjixni b'dan il-ġenn tiegħek.
Int Alla qawwi,
qawwi fil-ferħ li trid taqsam miegħi:
aħkimni u għajjixni b'dan il-ferħ tiegħek.
Int Alla qawwi,
qawwi fil-bidliet profondi li trid twettaq fija:
aħkimni u għajjixni
b'dawn l-aspirazzjonijiet tiegħek għalija.
Int Alla qawwi,
qawwi fil-ħajja vera li trid tagħtini:
aħkimni u għajjixni b'din Ħajtek.

## It-Tlieta, 24 ta' Marzu 2020

Kien hemm raġel li kien ilu
tmienja u tletin sena marid.
Ġesù rah qiegħed hemm,
u meta sar jaf li kien ilu marid
dak iż-żmien kollu qallu: "Trid tfiq?"
Wieġbu l-marid: "Sinjur, m'għandix
min jitfagħni fil-menqgħa xħin
jitqanqal l-ilma, għax waqt li nkun
sejjer jien ħaddieħor jinżel qabli."
Qallu Ġesù:
"Qum, aqbad friexek u imxi!"
Minnufih dak ir-raġel fieq,
qabad friexu u beda miexi ...
Wara mbagħad Ġesù sabu
fit-tempju u qallu: "Ara, issa fiqt,
qis li ma tidnibx iżjed,
biex ma tiġrilikx xi ħaġa agħar."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 5, versi 5-9a. 14***

# 28

"Ġesù lill-paralitiku
jgħidlu biex ma jidnibx iżjed.
Dan kien qed jiġġustifika
lilu nnifsu
bil-ħwejjeġ kollha ta' swied il-qalb
li kien għadda minnhom:
kien qed kważi jiggosta
li hu vittma.
Għalhekk Ġesù jagħmillu sfida
biex ma jiġrilux 'xi ħaġa agħar.'
Jinqeda bil-mod ta' kif jaħseb
il-paralitiku, bil-biżgħat tiegħu,
biex joħorġu
mill-paralisi tiegħu."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni lis-Saċerdoti,* Ġublew tal-Ħniena,
San Paolo Fuori Le Mura, 2 Ġunju 2016

*Il-biża'*
*għandha dejjem*
*l-aħħar kelma*
*fuqi?*

*Lil Kristu,*
*kemm inħallih*
*iqajjimni*
*mill-paralisi*
*li hemm f'ħajti?*

# Li tqum u timxi

Jien ukoll, Mulej, bħall-paralitiku tal-Vanġelu
xi drabi bħal donnu nieħu gost nokrob,
nieħu gost nagħmilha tal-vittma,
nieħu gost ngħid x'inhu
li ħaddieħor suppost jagħmel għalija.
Nammetti, Mulej, li dan kollu
jikxef il-ħafna biżgħat li jiena għandi.
Imma Inti sewwasew Dak
li trid tgħinni nirbaħ fuq biżgħat bħal dawn;
Inti Dak li trid tgħidli:
'Qum, aqbad friexek u imxi!'
Ħa tkun il-kelma setgħana tiegħek
li tħeġġiġni nagħmel il-pass,
li tħeġġiġni nagħmel dak li għandi nagħmel,
li tħeġġiġni nagħmel dak li nista' nagħmel.
Il-bqija, inħallih f'idejk.

## L-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2020

L-anġlu Gabrijel kien mibgħut
minn Alla f'belt tal-Galilija,
jisimha Nazaret, għand xebba
mgħarrsa ma' raġel jismu
Ġużeppi, mid-dar ta' David;
u x-xebba kien jisimha Marija.
Daħal għandha u qalilha:
"Sliem għalik, mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek."
Għal dan il-kliem tħawdet,
u bdiet titħasseb bejnha
u bejn ruħha x'setgħet tfisser
dik it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha:
"Tibżax, Marija, għax int
sibt grazzja quddiem Alla.
Ara, inti se tnissel fi ħdanek
u jkollok iben u ssemmih Ġesù."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,
kapitlu 1, versi 26-31***

29

"Alla nnifsu hu Dak li jieħu
l-inizjattiva u jagħżel li jidħol, kif
għamel ma' Marija, fid-djar tagħna,
fit-taqbidiet tagħna ta' kuljum,
mimlija ansjetajiet u xewqat. U hu
proprju fil-bliet tagħna, fl-iskejjel u
fl-universitajiet tagħna, fil-pjazez u
fl-isptarijiet tagħna li sseħħ l-isbaħ
tħabbira li nistgħu nisimgħu:
'Ifraħ, il-Mulej miegħek!' Ferħ
li jnissel il-ħajja, li jnissel it-tama,
li jitlaħħam fil-mod kif inħarsu lejn
il-futur, fl-imġiba li biha nħarsu
lejn l-oħrajn; ferħ li jsir solidarjetà,
ospitalità, ħniena lejn kulħadd."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija*, Parco di Monza,
Żjara Pastorali f'Milan, 25 Marzu 2017

*Alla jdejjaqni*
*meta*
*joqgħod idur*
*ma' saqajja?*

*Irridu*
*li jidħol f'dari*
*biss*
*meta ngħidlu*
*jien?*

# Jaqbad u jidħol

Int, Mulej,
ma toqgħodx tistenna li ngħidlek: 'Ejj'oqgħod'
biex tiġi għandi.
Inti taqbad u tidħol f'dari,
mhux għax ma tirrispettax il-libertà tiegħi,
imma għax ma taħmilx tarani
mqar sekonda waħda nieqes minnek.
U għalhekk, Inti tidħol kull fejn ikun hemm jien:
tidħol fil-qalb tiegħi
biex titfa' ġo fiha xi ftit minn dak li hemm f'qalbek;
tidħol fl-aspirazzjonijiet tiegħi
biex tiċċarahomli
fid-dawl ta' dak li hu tassew ta' ġid;
tidħol fl-inkwiet tiegħi biex tgħinni naffrontah.
Idħol f'dari, Mulej, abqad u idħol,
u bħal Marija, jalla ma nagħtikx ħlief merħba.

## Il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2020

Mosè talab bil-ħniena u qal: "Għaliex, Mulej, tixgħel bil-korla tiegħek għall-poplu tiegħek, li int, b'ħila kbira u b'id qawwija, ħriġtu mill-art tal-Eġittu? ... Erġa' lura mis-saħna tal-korla tiegħek, u reġġa' lura l-ħsara li trid tagħmel lill-poplu tiegħek. Ftakar f'Abraham, f'Iżakk u f'Iżrael, il-qaddejja tiegħek, li int ħliftilhom bik innifsek u għedtilhom: 'Inkattar in-nisel tagħkom bħall-kwiekeb tas-sema, u din l-art kollha, li jien wegħedt, nagħtiha lil nisilkom bħala wirt għal dejjem.'"
U l-Mulej nidem mill-ħsara li qal li kien se jagħmel lill-poplu tiegħu.

***Mill-Ktieb tal-Eżodu,***
***kapitlu 32, versi 11. 12ċ-14***

# 30

"Dak li jinbidel huwa Mosè għax Mosè kien jemmen li l-Mulej kien se jeqred il-poplu minħabba l-ħażen tiegħu; u hu jfittex li jiftakar kemm il-Mulej kien twajjeb mal-poplu bħal meta ħarġu mill-iskjavitù tal-Eġittu u wettaq il-wegħda. B'dawn l-argumenti, jipprova jikkonvinċi lil Alla; imma waqt li kien qed jagħmel hekk isib il-ħniena t'Alla ... jinżel minn fuq il-muntanja b'xi ħaġa kbira ħafna fil-qalb tiegħu: Alla tagħna hu Alla tal-ħniena. Jaf jaħfer. Jaf jerġa' lura mid-deċiżjonijiet tiegħu. Hu Missier."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,* 3 April 2014

*Jien għandi qalb miftuħa għal Alla?*

*Kull meta nagħmilha miegħU, niskopri xi ħaġa ġdida fiH?*

# Alla li jiċċaqlaq

Alla li jiċċaqlaq, jaffaxxinani, Mulej.
Imma biex naċċetta lil dan Alla,
bħal Mosè għandi bżonn qalb miftuħa għaliH.
Alla li donnu ma jibqax marbut mal-ideat tiegħu,
jinżilli għasel.
Imma biex naċċetta lil dan Alla,
bħal Mosè għandi bżonn qalb miftuħa għaliH.
Alla li ma jibżax jibdel id-deċiżjonijiet tiegħu,
iserraħni.
Imma biex naċċetta lil dan Alla,
bħal Mosè għandi bżonn qalb miftuħa għaliH.
Alla li ma jiddejjaq xejn iħenn u jidher dgħajjef,
iqawwini.
Imma biex naċċetta lil dan Alla,
bħal Mosè għandi bżonn qalb miftuħa għaliH.
U qalb miftuħa nitolbok tagħtini.

## Il-Ġimgħa, 27 ta’ Marzu 2020

Ġesù baqa’ jdur fil-Galilija, għax ma riedx joqgħod idur fil-Lhudija billi l-Lhud kienu qegħdin ifittxu li joqtluh. Kienet qorbot għal-Lhud il-festa tal-Għerejjex ... Wara li ħutu telgħu għall-festa tela’ hu wkoll, mhux bid-dieher, imma bil-moħbi ... Xi wħud min-nies ta’ Ġerusalemm qalu: “Dan mhuwiex dak li qegħdin ifittxuh biex joqtluh? Araw, b’wiċċu minn quddiem qiegħed jitkellem, u ħadd ma hu jgħidlu xejn. Jaqaw tassew li l-kbarat għarfu li dan hu l-Messija? Imma dan nafu minn fejn hu; il-Messija, meta jiġi, ħadd ma jkun jaf minn fejn ikun ġej.”

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 7, versi 1-2. 10. 25-27***

31

“Ġesù kien mistoħbi għax kienet għadha ma waslitx is-siegħa tiegħu. Imma hu kien jaf kif kellu jispiċċa. Jippersegwitawh sa mill-bidu ... ‘B’liema awtorità jiġi jgħallimna?’ ‘Dan fejn tgħallem?’ Jiskwalifikawh mill-ewwel ... Niskwalifikaw lill-Mulej u lill-profeti biex inneħħulhom l-awtorità! Lil Ġesù jiskwalifikawh għax kien jgħin lil dak li jkun joħroġ minn dik il-gaġġa li kien l-ambjent reliġjuż ta’ żmienu. Il-profeta, jitqabad kontra min jagħlaq lill-Ispirtu s-Santu f’gaġġa. Għal din ir-raġuni hu dejjem ippersegwitat.”

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,* 4 April 2014

*Quddiem*
*il-Kelma ta' Ġesù*
*ġieli nġib ruħi*
*b'indifferenza?*

*Kif*
*nista' nagħmel*
*lil Alla*
*iktar preżenti*
*fid-dinja?*

# L-Ippersegwitat

Kif tista', Mulej,
b'fedeltà lejn Dak li bagħtek fid-dinja tagħna,
ma tgħinx lill-bnedmin jagħrfuH kif inhu,
u mhux kif darrew lil moħħhom jgħidilhom?
Kif tista' ma tgħinx lill-bnedmin
jinħelsu milli lil Alla jsakkruH ġo gaġġa?
Kif tista' ma tgħinx lill-bnedmin
jaraw il-preżenza Tiegħu fil-proxxmu?
Kif tista' ma teħodhiex kontra l-ipokrisija,
kontra l-ebusija tal-qalb,
kontra r-riħa ta' għeluq?
Ta' dan, Mulej, Inti tħallas prezz:
ifittxu li jippersegwitawk,
ifittxu li jiskreditawk,
ifittxu li joqtluk.
Imma Inti ma tibqax maqtul għal dejjem!

## Is-Sibt, 28 ta' Marzu 2020

Meta xi wħud min-nies
semgħu kliem Ġesù, qalu:
"Tassew dan hu l-Profeta."
Oħrajn qalu: "Dan hu l-Messija."
Iżda xi wħud qalu: "Mela l-Messija
għandu jiġi mill-Galilija? Ma tgħidx
l-Iskrittura li l-Messija għandu
jiġi min-nisel ta' David u minn
Betlehem, ir-raħal minn fejn kien
David?" Hekk in-nies ma qablux
bejniethom minħabba fih.
Xi wħud minnhom riedu jaqbduh,
iżda ħadd ma medd idejh fuqu.
L-għases reġgħu lura
għand il-qassisin il-kbar u l-Fariżej,
u dawn qalulhom:
"Dan kif ma ġibtuhx magħkom?"

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 7, versi 40-45***

# 32

"Id-dixxiplu hu msejjaħ
biex ifassal ħajtu fuq dik ta' Kristu,
li kien persegwitat,
ġarrab iċ-ċaħda,
l-abbandun u l-mewt fuq is-salib.
Missjoni nisranija trankwilla
ma teżistix! Id-diffikultajiet
u t-tribulazzjonijiet jiffurmaw parti
mill-opra tal-evanġelizzazzjoni,
u aħna msejħin
ħalli fihom insibu okkażjoni
biex nivverifikaw
kemm huma awtentiċi
l-fidi tagħna
u r-relazzjoni tagħna ma' Ġesù."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 25 Ġunju 2017

*X'hemm fija li jagħmilni nixbah lil Kristu?*

*X'qed insofri għal Ġesù Kristu jien?*

# L-ippersegwitati

Id-dixxipli tiegħek, Mulej,
jindunaw li huma dixxipli awtentiċi tiegħek
minn kemm jgħaddu
minn dak li għaddejt minnu Int:
minn kemm isibu ma' wiċċhom
lil min jeħodha kontriehom minħabba fik,
lil min ikasbarhom għax jemmnu fik,
lil min jippersegwitahom
għax bil-ħajja tagħhom u bil-kelma tagħhom
ikunu qegħdin ixandru lilek.
Agħmilna, Mulej, dixxipli awtentiċi tiegħek.
Agħmel li aħna nkomplu
bil-mixja tagħna warajk,
imsaħħin minnek,
imsaħħin minn dak li għaddejt minnu Inti
qabilna.